# IL-MUŻIKA FIS-SIĠĠIEWI

Is-Siġġiwin jistgħu jikkunsidraw lilhom infushom ixxurtjati minħabba l-fatt li jipposjedu tradizzjoni mużikali rikka. Waħda mill-postijiet ċentrali li fiha s-Siġġiwin irċevew l-ewlenin kunċetti mużikali tagħhom hija bla dubju ta' xejn il-knisja parrokkjali ddedikata 'l San Nikola ta' Bari.

Naħseb li minn ħafna snin ilu, is-Siġġiewi kien fost il-ftit irħula li kien jista' jiftaħar li kellu orgni ta' ġmiel kbir. Is-Siġġiwin, b'hekk, trabbew; li ta' kull filgħodu fil-quddies tal-mejtin jew ta' l-erwieħ u kull nhar ta' Ħadd u festi jisimgħu dan l-orgni majestuż. Dan l-orgni mibni mid-ditta Taljana *Inzoli e Figli (*1911) kien għal dak iż-zmien orgni li kellu reġistrazzjoni speċjali, mqassma fuq żewġ manwali. Fi tfuliti niftakar ċar ħafna dawk l-ilħna sbieħ niżlin minn fuq il-gallerija ta' l-orgni, bħal perezempju, il-*voce umana*, u l-*Unda Maris*, it-*Tromba*, ir-reġistri metalliċi bħall-*Principale* u r-*Ripieni*. Kont nissaħħar ukoll meta nisma' l-profondità tar-reġistri tal-pedaljera. Kien hawn, li jien ddeċidejt li nagħmel l-orgni parti minn ħajti. Bħali żgur li kien hawn Siġġiwin oħrajn li wkoll tħajru jitgħallmu dan l-istrument. Iżda, sfortunatament mhux għax jisimgħu l-orgni *Inzoli e Figli*... dan hu rieqed ir-raqda li minnha naħseb diffiċli li jqum! (jindaqq biss ftit nhar ta' Ħadd). Għaliex? Waħda mir-raġunijiet hi li n-nies forsi m'għadhiex mhedijja biss bl-affarijiet tal-Knisja. Il-lum in-nies mhedijja bi prijoritajiet oħra u differenti, bħall-lussu fid-dar, ka-rozzi, divertiment, eċċ. Iżda trid min jerġa jilluminaha u jispiraha bħal ma kien jagħmel Dun Ġużepp ta' Randa (li kien il-prokuratur), li mill-faqar ta' snin l-imgħoddijja kien jirnexxielu jibni monumenti immortali fil-knisja tal-parroċċa.

Il-*Capella* mużikali tas-Surmast Anton Nani (1842-1929) kien kapolavur artistiku ieħor li Dun Ġużepp Aquilina (ta' Randa) daħħal ġos-Siġġiewi. Ta' kull sena għal kważi ġimgħa sħiħa s-Siġġiwin kienu jisimgħu mużika l-aktar sabiħa esegwita mill-aħjar mużiċisti u kantanti tal-gżira. Il-mużika ta' Dr Paolo u Anton Nani kienet timla' l-Knisja. Niftakar in-nies li żgur kienu jkunu msaħħrin jisimgħu dik l-Antifona *Ergo Sum* u l-innu *Dies Natalis*. Minn ma jif-takarx is-Salm *Laudate Pueri* li hu meqjus bħala wieħed mill-kapolavuri ta' Anton Nani... b'dak il-kor ta' tfal li kelhom vuċijiet li kienu jsaħħru 'l kull min jismagħhom.

Kien hemm kant liturġiku ieħor li wieħed irid jikkunsidra. Dahri l-kant kien isir wkoll fil-quddies ta' l-erwieħ li kien isir kuljum fis-6.00 u fis-6.30 ta' filgħodu, kif ukoll fil-quddiesa kantata li kienet issir il-Ħadd fid-9.15 ta' filghodu wkoll. Il-kant kien isir biss jew mill-kleru u kantant solista fil-każ tal-quddies tal-erwieħ u mill-kleru biss fil-quddiesa kantata tal-Ħadd. Il-par-teċipazzjoni ta' vuċijiet solistiċi kienet tidħol fil-quddies solenni fil-festi sekon-darji.

X'inhi s-sitwazzjoni llum? Fil-preżent ħafna affarijiet inbiddlu. L-orgni l-kbir, pereżempju, m'għadux jintuża ħlief xi ftit nhar ta' Ħadd; daż-żmien il-kant

qed aktar ikun ikkumpanjat minn orgni ta'għamla differenti, i.e. strument elettroniku li l-ħoss tiegħu u biss id-dell tal-propju orgni ta' Inzoli... l-orgni tal-kanni. Veru li n-nies xorta tkanta. Iżda ftit għandhom ideja kemm aktar rikkezza mużikali tferraħ minn orgni reali. Jiena naħseb li n-nies ta' qabel kienu aktar ixxurtjati, meta, avolja kienu neqsin mill-flus, xorta sabu mezz biex ikollhom strument veru li jixraq iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Sfortunatament illum għandna ġenerazzjoni li, l-ideja ta' affarijiet kulturali li tipposjedi, hi pjuttost dik superfiċjali... kemm għandna individwi li jinteresaw ruħhom jekk fuq l-artal tpoġġiex bukkett fjuri naturali jew artifiċjali. Wieħed jgħid: mhux it-tnejn sbieħ?! Kulħadd jaf li l-artifiċjali hu biss imitazzjoni ta' dak li ħalaq Alla. Alla ħalaq dak kollu li hu sabiħ fid-dinja u ħassra għalih, li minħabba "l-njoranza" jinjora dak li hu sabiħ naturali.

Nixtieq insemmi xi żewġ punti oħra ta' l-aħħar; il-korijiet u l-kitarri. Jiena niftakar sew li fis-Siġġiewi dejjem kont issib kor, ħaġa li ftit kont issibha f'parroċċi oħra ta' xi 25 sena ilu. Niftakar, il-kor li kein waqqaf Dun Danjel Farrugia li dak iż-żmien kien ukoll l-organista tal-parroċċa, li fl-opinjoni tiegħi, dan kien kor li kien imsemmi anki barra mir-raħal.

Dan il-kor (kultant mgħejjun anke minn vuċijiet barra mill-parroċċa) ġieli esegwixxa fil-quddies solenni. Nixtieq hawn insemmi l-quddiesa ta' Perosi li kien kanta l-kor akkumpanjat mill-orkestra fil-Prima Messa solenni ta' Dun Pawlu Aquilina, S.J. missjunarju fl-Indja. Il-kor ta' Dun Danjel Farrugia kien dam jagħti s-servizz tiegħu għal diversi snin.

Illum il-ġurnata fis-Siġġiewi nsibu kor parrokkjali li hu mmexxi mill-Arċipriet Kan. Dun Lawrenz Mifsud li hu wkoll organista u mużiċista. Il-kor preżenti jikkonsisti f'vuċijiet misti (ftit irġiel u nisa) li jagħtu kontribut siewi f'servizzi lituġiċi importanti. Niskanta mhux ftit li minn popolazzjoni ta' 'l fuq minn sitt elef ruħ ma għandekx issib vuċijiet maskili biex il-kor preżenti jkun jista' jikber fid-daqs u fil-kwalità vokali – u dan biex il-liturġija tkun aktar devota u xierqa li turi twemmin sħiħ u ġeneruż.

Fil-liturġija llum nsibu wkoll il-kitarra; strument li sa ftit ta' żmien ilu kien jinstema f'ċirkostanzi kompletament differenti u żgur li ma kienux ta' natura reliġjuża. Il-kitarra daħlet sewwa anki fil-knisja tas-Siġġiewi (bħal ma ġara fil-parroċċi kważi ta' Malta kollha). Għadek tiltaqa' ma' nies li huma kontra l-użu ta' dan l-istrument fil-funzjonijiet liturġiċi. La kien hemm minn staqsieni x'inhi l-opinjoni tiegħi fuq dan is-suġġett; frankament jiena ma nsib l-ebda oġġezzjoni għall-użu tal-kitarra fil-liturġija. Anzi nixtieq ngħid li anke l-orgni fil-bidu ta' l-istorja tiegħu kien meqjus bħala strument profan; fil-fatt m'hemm l-ebda raġuni konkreta ghaliex fil-knisja nsibu l-użu ta' l-orgni aktar milli, ngħidu aħna l-pjanuforti. L-unika oġġezzjoni li rrid insemmi dwar il-kitarra (jew anke strumenti oħra inkluż l-orgni fil-knisja) hu l-mod kif jindaqqu. Jekk il-kitarra ħlief ftit akkordji ma jkunx jaf igerfex, dan la jkun qed jagħmel ġustizzja lill-istrument u lanqas lis-servizzi liturġiċi. L-istess argument japplika għal dak l-individwu li jipprova jdoqq l-orgni u ħlief igerfex xi akkordju b'idejn ix-xellugija u l-melodija b'idu l-oħra, u xi nota b'saqajh... dan ma nkunx biss

*Ikompli f'paġna 25*

*Ikompli minn paġna 19*

qed jonqos lejn l-arti organistika iżda jkerrah lis-servizz li suppost ikun qed iżejjen. Dan sfortunatament kultant jiġri wkoll fil-parroċċà tas-Siġġiewi.

Tradizzjoni oħra mużikali fis-Siġġiewi hija dak tal-Banda. Bħal kull raħal ieħor, fis-Siġġiewi nsibu din l-attività li ilha sejra għal ħafna snin, fil-fatt, xi ftit tas-snin ilu, il-Banda San Nikola tas-Siġġiewi ċċelebrat iċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha. L-iskop tal-Banda huwa li ddoqq fil-festa tal-parroċċa li ssir għad unur tal-Patrun taghna San Nikola ta' Bari.

Riċentement fil-parroċċa kellna it-twaqqif ta' grupp mużikali ieħor.. Banda oħra, u din id-darba fuq stil differenti minn dak ta' Banda regolari, iżda xorta hija għaqda mużikali (Banda), id-differenza hi li is-*Siġġiewi Festival Brass Band* (hekk jisimha din il-banda ġdida) hija bbażata esklussivament fuq ir-ram. Il-*Festival Brass Band* xorta għandha flessibilità enormi fl-interpretazzjonijiet tagħha, infatti ir-repertorju tagħha jinkludi biċċiet operistiċi, sinfoniċi, mużika barokka u klassika u mużika popolari u marċi. L-amministrazzjoni tal-*Festival Brass Band* jippruvaw jiġbru l-aqwa strumentalisti tar-ram minn Malta kollha u s'issa f'kull kunċert li fih ħadet sehem din il-Banda dejjem ħarġet bl-unuri u ferrħet lil kull min semagħha.

**Mro Dion Buhagiar**
**M.Mus, Mus. Bac., B.Ed., L.R.S.M., A.R.C.M., F.T.C.L., A.L.C.M.**